**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**Vs**

**Wayne Mizzi**

Kaz Numru: 568/2013

Illum, 18 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Mizzi, ta' 23 sena, iben bin Paul u Pamela Sharon Lee Sammut, imwieled Pieta, fis-17 ta' Frar, 1993 u residenti Blokk B Flat 4, Garden Apartments, Triq il-Port Ruman, Bugibba, detentur ta' karta tal-identita' 157893 (M):

Talli nhar is-17 ta' Jannar, 2016 ghal habta tal-13:23 hrs fuq KM377 (Berlin – Malta), ikkkomettiet serq ta' mobile phone li huwa Iphone 5S li l-valur tieghu huwa ta' anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euros u sebgha u tletin centezmu kif ukoll tletin (2,329.37) euro kontanti a tenur tal-artikolu 270, 279 (a) tal-Kap 9 tal-ligjiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom bi ksru tal-artikolu 334 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sab xi haga mobbli li ma tkunx tezor, minghajr ma raddha lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk kien maghruf: inkella minghajr dewmien ma ghaddiex f'idejn il-Pulizija a tenur tal-artikolu 564 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni l-ohra u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni giet sodisfacjentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat